Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 425

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

18 ta' Diċembru 2019

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 425/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ M.9399 — Remondis/ALFA Rohstoffhandel München/Geiger Beteiligung/Durmin Beteiligung/Garching Hochbrück) ([1]) 1

III *Atti preparatorji*

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2019/C 425/02 Opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (CON/2019/43) 2

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 425/03 Rata tal-kambju tal-euro — Is-17 ta' Diċembru 2019 3

Il-Qorti tal-Awdituri

2019/C 425/04 Rapport Speċjali Nru 9/2019 4

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

2019/C 425/05 Rapport Speċjali Nru 25/2019 5

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2019/C 425/06 Skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern 6

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 425/07 Notifika ta' ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 9

2019/C 425/08 Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' pins u stejpils li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 21

2019/C 425/09 Notifika ta' Bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu sulfaniliku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 39

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 425/10 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9670 — APMC Group/GSEZ Cargo Ports/GSEZ Mineral Port/TIPSP/Arise) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 54

2019/C 425/11 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9593 — PTT GC/ALPLA TH/JV) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 56

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ M.9399 — Remondis/ALFA Rohstoffhandel München/Geiger Beteiligung/Durmin Beteiligung/ Garching Hochbrück)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 425/01)

Fis-6 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) bid-dokument li jġib in-numru 32019M9399. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Diċembru 2019

dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(CON/2019/43)

(2019/C 425/02)

Introduzzjoni u bażi legali

Fil-15 ta' Novembru 2019, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]).

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li ġiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi Isabel SCHNABEL tinħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni illi l-kandidata proposta hija persuna ta' statura rikonoxxuta u b'esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.

3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu ebda oġġezzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Isabel Schnabel bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Diċembru 2019.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([1]) ĠU C 385, 13.11.2019, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Is-17 ta' Diċembru 2019

(2019/C 425/03)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,1162	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4690
JPY	Yen Ġappuniż	122,31	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,6953
DKK	Krona Daniża	7,4731	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6974
GBP	Lira Sterlina	0,84748	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5132
SEK	Krona Żvediża	10,4718	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 299,38
CHF	Frank Żvizzeru	1,0946	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,0926
ISK	Krona Iżlandiża	136,60	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8090
NOK	Krona Norveġiża	10,0648	HRK	Kuna Kroata	7,4465
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 615,64
CZK	Krona Ċeka	25,445	MYR	Ringgit Malażjan	4,6239
HUF	Forint Ungeriż	329,71	PHP	Peso Filippin	56,413
PLN	Zloty Pollakk	4,2595	RUB	Rouble Russu	69,8758
RON	Leu Rumen	4,7771	THB	Baht Tajlandiż	33,737
TRY	Lira Turka	6,5622	BRL	Real Brażiljan	4,5409
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6294	MXN	Peso Messikan	21,1278
			INR	Rupi Indjan	79,2035

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 9/2019

"**Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk — sa issa riżultati limitati**"

(2019/C 425/04)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 9/2019 "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - sa issa riżultati limitati" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu

Rapport Speċjali Nru 25/2019

"Il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju: dgħufijiet f'xi indikaturi u fil-verifikazzjonijiet tal-pagament għas-segmenti varjabbli"

(2019/C 425/05)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 25/2019 "Il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju: dgħufijiet f'xi indikaturi u fil-verifikazzjonijiet tal-pagament għas-segmenti varjabbli" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern [1]

(2019/C 425/06)

Titolu tal-iskema	Mezzi ta' eID skont l-iskema notifikata	Stat Membru Notifikatur	Livell ta' assigurazzjoni	Awtorità responsabbli għall-iskema	Data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE*
eID Ġermaniża bbażata fuq Kontroll tal-Aċċess Estiż	Karta tal-Identità Nazzjonali Permess ta' Residenza Elettroniku	Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja	Għoli	Il-Ministeru Federali tal-Intern Alt-Moabit 140 10557 Berlin DGI2@bmi.bund.de +49 30186810	26.9.2017
SPID – Sistema Pubblika tal-Identità Diġitali	Mezz ta' eID tal-iSPID mogħti minn: — Aruba PEC S.p.A. — Namirial S.p.A. — InfoCert S.p.A. — In.Te.S.A. S.p.A. — Poste Italiane S.p.A — Register S.p.A. — Sielte S.p.A. — Telecom Italia Trust Technologies S.r.l.	L-Italja	Għoli Sostanzjali Baxx	L-AgID — Aġenzija għad-Diġitali L-Italja Viale Liszt 21 00144 Roma eidas-spid@agid.gov.it +39 0685264407	10.9.2018
	— Lepida S.p.A.				13.09.2019
Sistema Nazzjonali ta' Identifikazzjoni u Awtentikazzjoni (NIAS)	Karta tal-Identità Personali (eOI)	Ir-Repubblika tal-Kroazja	Għoli	Il-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika, ir-Repubblika tal-Kroazja Maksimirska 63 10000 Zagreb e-gradjani@uprava.hr	7.11.2018
Skema Estonjana ta' eID: ID card Skema Estonjana ta' eID: RP card Skema Estonjana ta' eID: Digi-ID Skema Estonjana ta' eID: e-Residency Digi-ID Skema Estonjana ta' eID: Mobiil-ID Skema Estonjana ta' eID: karta tal-identità diplomatika	— ID card — RP card — Digi-ID — e-Residency Digi-ID — Mobiil-ID — Karta tal-identità diplomatika	Ir-Repubblika tal-Estonja	Għoli	Il-Bord tal-Pulizija u l-Gwardja tal-Fruntieri Pärnu mnt 139 15060 Tallinn eid@politsei.ee +372 6123000	7.11.2018

[1] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

Titolu tal-iskema	Mezzi ta' eID skont l-iskema notifikata	Stat Membru Notifikatur	Livell ta' assigurazzjoni	Awtorità responsabbli ghall-iskema	Data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE*
Documento Nacional de Identidad electrónico (DNIe)	Karta tal-identità Spanjola (DNIe)	Ir-Renju ta' Spanja	Gholi	Il-Ministeru tal-Intern - Ir-Renju ta' Spanja C/ Julián González Segador, s/n 28043 Madrid divisiondedocumentacion@policia.es	7.11.2018
Karta tal-identità nazzjonali tal-Lussemburgu (karta tal-eID)	Karta tal-eID tal-Lussemburgu	Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu	Gholi	Il-Ministeru tal-Affarijiet Interni BP 10 L-2010 Lussemburgu minint@mi.etat.lu secretariat@ctie.etat.lu +352 24784600	7.11.2018
Skema Belġjana ta' eID FAS/eCards	eCard ta' Ċittadinanza Belġjana eCard ta' Stranġier	Ir-Renju tal-Belġju	Gholi	Is-Servizz Pubbliku Federali "Politika u Appoġġ" (BOSA)/Direttorat Ġenerali "Trasformazzjoni Diġitali" Simon Bolivarlaan 30 1000 Brussel eidas@bosa.fgov.be	27.12.2018
Cartão de Cidadão (CC)	Karta nazzjonali tal-identità Portugiża (eID card)	Ir-Repubblika Portugiża	Gholi	AMA – L-Aġenzija ghall-Modernizzazzjoni Amministrattiva Rua Abranches Ferrão n.º 10, 3º 1600 - 001 Lisbona ama@ama.pt +351 217231200	28.2.2019
GOV.UK Verify	Mezzi ta' eID tal-GOV.UK Verify mogħtija minn: — Barclays — Experian — Post Office — SecureIdentity — Digidentity	Ir-Renju Unit	Sostanzjali Baxx	Government Digital Service (Is-Servizz Diġitali tal-Gvern) The White Chapel Building 10 Whitechapel High St Londra E1 8QS eidas-support@digital.cabinet-office.gov.uk +44 78585008654	2.5.2019
eID Taljana bbażata fuq il-karta tal-Identità Nazzjonali (CIE)	Carta di Identità Elettronica (CIE)	L-Italja	Gholi	Il-Ministeru tal-Intern Piazza del Viminale n. 1 00184 Ruma segreteriaservizidemografici@interno.it +39 06 465 27751	13.9.2019

Titolu tal-iskema	Mezzi ta' eID skont l-iskema notifikata	Stat Membru Notifikatur	Livell ta' assigurazzjoni	Awtorità responsabbli ghall-iskema	Data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE*
Skema ta' identifikazzjoni nazzjonali tar-Repubblika Ċeka	Karta tal-eID Ċeka	Ir-Repubblika Ċeka	Gholi	Il-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika Ċeka Nad Štolou 936/3 P. O. BOX 21 170 34 Praga 7 eidas@mvcr.cz	13.9.2019
Qafas Fiduċjarju Olandiż ghall-Identifikazzjoni Elettronika (Afprakensossel Elektronische Toegangsdiensten)	Mezzi mahruġa taht eHerkenning (ghan-negozji)	Ir-Renju tal-Olanda	Gholi Sostanzjali Il-Ministeru tal-Intern u	r-Relazzjonijiet tar-Renju — Logius Postbus 96810, 2509 JE Den Haag info@eherkenning.nl	13.9.2019
Skema Slovakka ta' eID:	Karta tal-eID Slovakka	Ir-Repubblika Slovakka	Gholi	L-Uffiċċju tal-Viċi Prim Ministru tar-Repubblika Slovakka ghall-Investimenti u l-Informatizzazzjoni Štefánikova 15 811 05 Bratislava eidas@vicepremier.gov.sk +421 2 20928177	18.12.2019
Skema Estonjana ta' eID:	Karta eID eParaksts karte eParaksts karte+ eParaksts	Il-Latvja	Gholi Sostanzjali L-Uffiċċju taċ-Ċittadinanza u	l-Affarijiet ta' migrazzjoni (OCMA) tal-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tal-Latvja Čiekurkalna 1. līnija 1 k-3 LV-1026, Rīga rigas.1.nodala@pmlp.gov.lv Ċentru Statali tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Latvja (LVRTC) Ērgļu iela 14 Rīga LV-1012 eparaksts@eparaksts.lv	18.12.2019
Skema Belġjana ta' eID FAS/itsme	applikazzjoni tal-mowbajl itsme®	Ir-Renju tal-Belġju	Gholi	Is-Servizz Pubbliku Federali "Politika u Appoġġ" (BOSA)/Direttorat Ġenerali "Trasformazzjoni Diġitali" Simon Bolivarlaan 30 1000 Brussell eidas@bosa.fgov.be	18.12.2019

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika ta' ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2019/C 425/07)

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet talba skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1]. L-iskop ta' din it-talba huwa li jiġi investigat jekk il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 [2] dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat"), kellhomx effett fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ mil-ġdid jew il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti fl-Unjoni. Investigazzjonijiet bħal dawn jissejħu riinvestigazzjonijiet ta' assorbiment.

1. Talba għal riinvestigazzjoni ta' assorbiment

It-talba saret fil-5 ta' Novembru 2019 minn 10 produtturi tal-Unjoni, jiġifieri Fondatel Lecomte SA, Ulefos Niemisen Valimo, Saint-Gobain PAM SA, Fonderies Dechaumont SA, Heinrich Meier Eisengießerei GmbH & Co. KG, Saint-Gobain Construction Products UK Ltd li joperaw taħt l-isem ta' Saint-Gobain PAM UK, EJ Picardie SA, Montini SA, KZO (il-Polonja) u Fundiciones de Odena SAu Fundiciones de Odena SA ("l-ilmentaturi") li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħadid fondut.

2. Il-prodott li qed jiġi investigat

Il-prodott li qed jiġi investigat huwa definit bħala ċerti oġġetti ta' ħadid fondut bil-grafit lamellari (ħadid griż) jew ħadid fondut bil-grafit sferojdali (magħruf ukoll bħala ħadid fondut duttili), u partijiet minnhom li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7325 10 00 (il-kodiċi TARIC 7325 10 00 31), u ex 7325 99 90 (il-kodiċi TARIC 7325 99 90 80) ("il-prodott li qed jiġi investigat").

Dawn l-oġġetti huma ta' tip użat biex:

— ikopru l-art jew sistemi ta' taħt il-wiċċ, u/jew fetħiet f'sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ, u wkoll

— jagħtu aċċess għal sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ u/jew jipprovdu ħarsa lejn is-sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ.

L-oġġetti jistgħu jkunu maħdumin bil-magni, miksijin, miżbugħin u/jew iffitjati b'materjali oħra bħall-konkrit, ċangaturi jew madum iżda mhux limitati għalihom biss.

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 tad-29 ta' Jannar 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 25, 30.1.2018, p. 6).

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat:

— spralli tal-kanali u uċuħ fonduti soġġetti għall-istandard EN 1433, biex jiġu ffittjati bħala komponent fuq kanali tal-polimeru, tal-plastik, tal-azzar galvanizzat jew tal-konkrit li jippermettu l-fluss tal-ilma tas-superfiċje għal ġol-kanal,

— katusi għall-iskular tal-art, katusi għall-iskular tal-bjut, cleanouts u għotjien tal-cleanouts, soġġetti għall-istandard EN 1253,

— turġien tal-ħadid, vireg tal-irfigħ, u idraturi tan-nirien.

3. **Miżuri Eżistenti**

Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina sussegwentement emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/261 ([3]).

4. **Raġunijiet għal riinvestigazzjoni ta' assorbiment**

L-applikanti ppreżentaw biżżejjed evidenza li turi li wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat ([4]), il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi naqsu. It-tnaqqis fil-prezzijiet Ċiniżi tal-esportazzjoni deher li xekkel l-effetti rimedjali intiżi tal-miżuri fis-seħħ. L-evidenza inkluża fit-talba tindika li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-esportazzjoni ma jistax jiġi spjegat minn tnaqqis fil-prezz tal-materja prima ewlenija jew bidla fit-taħlita tal-prodott.

L-applikanti pprovdew ukoll evidenza li tindika li ma kienx hemm biżżejjed moviment fil-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-UE.

Barra minn hekk, l-applikanti pprovdew evidenza li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat komplew jidħlu fl-Unjoni f'volumi sinifikanti.

5. **Proċedura**

Billi ddeterminat,wara li infurmat lill-Istati Membri, li t-talba tressqet mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha u li hemm biżżejjed evidenza ta' assorbiment, il-Kummissjoni b'dan qiegħda tiftaħ mill-ġdid l-investigazzjoni skont l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku.

Ir-riinvestigazzjoni se tiddetermina jekk wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u qabel jew wara l-impożizzjoni ta' miżuri, il-prezzijiet tal-esportazzjoni kinux naqqsu jew jekk kienx hemm moviment, jew jekk il-moviment kienx insufficjenti, fil-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew il-prezzijiet ta' bejgħ sussegwenti tal-prodott importat fl-Unjoni.

Jekk il-konklużjonijiet ikunu affermattivi, biex jitneħħa d-dannu li jkun ġie stabbilit qabel, jenħtieġ li l-prezzijiet tal-esportazzjoni jiġu vvalutati mill-ġdid skont l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku u l-marġnijiet ta' dumping għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid biex iqisu l-prezzijiet tal-esportazzjoni.

5.1. ***Riinvestigazzjoni tal-produtturi*** ([5]) ***fil-pajjiż ikkonċernat***

Proċedura għall-għażla tal-produtturi li jridu jiġu riinvestigati fil-pajjiż ikkonċernat - Kampjunar

Minħabba l-għadd potenzjalment kbir ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat li huma involuti f'din ir-riinvestigazzjoni, u sabiex tlesti l-investigazzjoni sal-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/261 tal-14 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provizorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriginaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriginaw fl-Indja (ĠU L 44, 15.2.2019, p. 4).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1480 tas-16 ta' Awwissu 2017 li jimponi dazju provizorju anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti ta' ħadid fondut li joriginaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 211, 17.8.2017, p. 14).

([5]) Produttur huwa kwalunkwe kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi u li tesporta l-prodott li qed jiġi investigat lejn is-suq tal-Unjoni, jew direttament jew inkella permezz ta' parti terza, inkluża kwalunkwe waħda mill-kumpaniji relatati tagħha involuti fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu għan-nom tagħhom, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għal din ir-riinvestigazzjoni, huma hawnhekk mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom mitluba fl-Anness I ta' din in-Notifika ([6]) fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni se tikkuntattja wkoll lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, u tista' tikkuntattja lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jista' raġonevolment jiġi investigat fil-qafas ta' żmien disponibbli. Il-produtturi kollha magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat, l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat jekk ikun xieraq, dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li tirrifletti l-għażla tal-kampjun. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Il-produtturi fil-kampjun ikollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat hija disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati fil-fajl u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ ([7]).

Il-partijiet li beħsiebhom jitolbu reviżjoni tal-valur normali u li ntgħażlu biex ikunu fil-kampjun se jkollhom jipprovdu, fl-istess skadenza, informazzjoni sħiħa dwar il-valuri normali riveduti, skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament bażiku. Peress li l-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet u l-kostijiet fl-Indja fl-investigazzjoni oriġinali għall-produtturi esportaturi kollha skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, l-evidenza dwar il-valuri normali riveduti trid tirrifletti l-prezzijiet domestiċi jew il-valuri maħduma fl-Indja.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li jkunu qablu mal-inklużjoni possibbli tagħhom fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu fil-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw ("il-produtturi li kkooperaw iżda mhumiex inklużi fil-kampjun").

5.2. ***Investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati*** ([8]) ([9])

Importaturi mhux relatati tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ, huma mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni.

([6]) Ir-referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika jirreferu għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([7]) http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2436

([8]) Għall-kampjun jistgħu jintgħażlu biss importaturi li mhumiex relatati ma' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi esportaturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu l-impjegatur u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi, tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar mill-ismha maħruġa bi dritt tal-vot tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu bħala membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (kemm mill-istess ġenituri kif ukoll jekk aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([9]) Id-*data* pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll b'rabta ma' aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni, apparti milli biex jiġi stabbilit id-dumping.

Minħabba l-għadd potenzjalment kbir ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'din ir-riinvestigazzjoni, u sabiex l-investigazzjoni titlesta sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi li mhumiex relatati u li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi mhux relatati kollha, jew ir-rappreżentanti tagħhom, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjonijiet li wasslu għall-miżuri soġġetti għal din ir-riinvestigazzjoni, qegħdin b'dan jintalbu jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet iridu jagħmlu dan fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, kif mitlub fl-Anness II ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li tkun meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ fl-Unjoni, tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat, li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-importaturi mhux relatati magħrufa kollha u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa ta' importaturi kollha dwar il-kumpaniji li jkunu ntgħażlu bħala parti mill-kampjun.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li tirrifletti l-għażla tal-kampjun. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun. Dawn il-partijiet iridu jibagħtu l-kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Kopja tal-kwestjonarju għall-importaturi mhux relatati hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ ([10]).

5.3. *Preżentazzjonijiet oħrajn bil-miktub*

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.4. *Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti matul is-seduta. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jiġu mitluba jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara seduta ta' smigħ.

5.5. *Struzzjonijiet għall-preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew *data* lill-Kummissjoni soġġetta għad-drittijiet tal-awtur ta' parti terza, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu a) li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-fini ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) li tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "Ristretti" ([11]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

([10]) http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2436

([11]) Dokument "*Ristretti*" huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping). Dan hu wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "Ristretta" huma mitluba jfasslu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jridu jiġu mmarkati "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati ". Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati b'tali mod li jippermettu li l-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem raġonevolment. Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni. Meta jużaw il-posta elettronika jew TRON.tdi, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut ikun indirizz tal-posta elettronika uffiċjali tax-xogħol li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet permezz ta' TRON.tdi u bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Direttorat H
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi
Indirizz elettroniku: TRADE-R715-CASTINGS-ABSORPTION@ec.europa.eu

6. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni għandha normalment tiġi konkluża fi żmien sitt (6) xhur, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn disa' (9) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament bażiku.

7. **Preżentazzjoni tal-informazzjoni**

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss l-informazzjoni fil-perjodi ta' żmien speċifikati fit-Taqsima 5 ta' din in-Notifika.

Sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi obbligatorji, il-Kummissjoni mhijiex se taċċetta iktar preżentazzjonijiet mingħand il-partijiet interessati wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali jew, jekk ikun applikabbli, wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali addizzjonali.

8. **Possibbiltà għal kummenti dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra**

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fil-preżentazzjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tal-konklużjonijiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem mill-iskadenza għal kummenti dwar il-konklużjonijiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti ppreżentati minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar ulterjuri jsiru fi żmien ġurnata (1) mill-iskadenza għall-kummenti dwar dan l-iżvelar ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

9. **Estensjoni tal-limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika**

L-estensjonijiet tal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika jistgħu jingħataw meta mitluba min-naħa tal-partijiet interessati li jkollhom raġuni valida.

L-estensjonijiet tal-iskadenzi għat-tweġibiet għall-kwestjonarji u għal limiti ta' żmien kif speċifikat f'din in-Notifika jew li jkunu previsti f'komunikazzjonijiet speċifiċi mal-partijiet interessati se jkunu limitati għal massimu ta' tlett (3) ijiem addizzjonali. Tali estensjoni tista' tittawwal għal mhux aktar minn sebat (7) ijiem li fihom il-parti rikjedenti tista' tagħti prova dwar l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali.

10. **Nonkooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fil-limiti ta' żmien, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti konklużjonijiet, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u l-konklużjonijiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma għandux jitqies bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitlub tkun twassal għal piż żejjed mhux raġonevoli jew spiża addizzjonali mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih.

11. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u l-partijiet terzi li jistgħu jinqalgħu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati kompletament. Jenħtieġ li t-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta mbagħad jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ jenħtieġ li jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien xieraq.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u mingħajr dewmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' ikun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati lil hinn mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

12. **Proċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni hija disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ANNESS I

☐	Verżjoni "Ristretta" [1]
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"
	(immarka l-kaxxa rilevanti)

RIINVESTIGAZZJONI TA' ASSORBIMENT TAL-MIŻURI ANTIDUMPING DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI OĠĠETTI TAL-ĦADID FONDUT LI JORIĠINAW FIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA ("IR-RPĊ")

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TAL-PRODUTTURI FIR-RPĊ

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-produtturi fir-RPĊ jwieġbu għat-talba għal informazzjoni rigward il-kampjunar li saret fil-punt 5.1 tan-Notifika ta' Bidu.

Jenħtieġ li kemm il-verżjoni "Ristretta" kif ukoll il-verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati" jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta' Bidu.

Jenħtieġ li l-informazzjoni mitluba tintbagħat lura lill-Kummissjoni fl-indirizz speċifikat fin-Notifika ta' Bidu fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TA' KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem il-kumpanija (isem Ċiniż)	
Isem il-kumpanija (isem Ingliż)	
Persuna ta' kuntatt	
Indirizz elettroniku	
Telefon	
Sit web	

2. FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Indika l-fatturat fil-munita tal-kontabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali ("PIO") (mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016) kif ukoll matul il-perjodu ta' riinvestigazzjoni ta' assorbiment ("PRA") (mill-1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019) għall-bejgħ (il-bejgħ f'esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru [2]) separatament u f'daqqa, il-bejgħ domestiku u l-bejgħ f'esportazzjonijiet lejn pajjiżi oħra barra l-Istati Membri tal-Unjoni separatament u f'daqqa) ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut kif definit fin-notifika ta' bidu kif ukoll il-piż korrispondenti. Indika liema munita qed tintuża.

[1] Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55) u l-Artikolu 12.4 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensabbli (il-Ftehim SCM).

[2] It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

	Perjodu ta' Investigazzjoni Oriġinali (mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016)			Perjodu ta' Riinvestigazzjoni ta' Assorbiment (mill-1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019)		
	Tunnellati (TM)		Valur fil-munita tal-kontabbiltà Speċifika l-munita użata	Tunnellati (TM)		Valur fil-munita tal-kontabbiltà Speċifika l-munita użata
Il-bejgħ f'esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru, separatament u f'daqqa, tal-prodott li qed jiġi investigat, immanifatturat mill-kumpanija tiegħek	Total:			Total:		
	Semmi kull Stat Membru ([1]):			Semmi kull Stat Membru:		
Il-bejgħ domestiku tal-prodott li qed jiġi investigat, immanifatturat mill-kumpanija tiegħek						
Il-bejgħ għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni (separatament u f'daqqa) tal-prodott li qed jiġi investigat, immanifatturat mill-kumpanija tiegħek	Total:			Total:		
	Semmi kull pajjiż:			Semmi kull pajjiż		

([1]) Żid aktar ringieli jekk ikun meħtieġ.

3. **ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI** ([3])

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew fis-suq domestiku) tal-prodott li qed jiġi investigat. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott li qed jiġi investigat jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott li qed jiġi investigat, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

([3]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu l-impjegatur u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi, tikkontrolla jew iżżomm, direttament jew indirettament, 5 % jew aktar tal-ismha maħruġa bi dritt tal-vot tat-tnejn li huma; (e) wieħed minnhom direttament jew indirettament jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien jikkontrollaw direttament jew indirettament terza persuna; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom biss xi waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (kemm jekk mill-istess ġenituri kif ukoll jekk aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika, u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità li tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Tip ta' relazzjoni

4. INFORMAZZJONI OĦRA

Agħti kull informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. ĊERTIFIKAZZJONI

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx huma bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

ANNESS II

☐	Verżjoni "Ristretta"
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"
	(immarka l-kaxxa rilevanti)

RIINVESTIGAZZJONI TA' ASSORBIMENT TAL-MIŻURI ANTI-DUMPING DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI OĠĠETTI TAL-ĦADID FONDUT LI JORIĠINAW FIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA ("IR-RPĊ")

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu t-talba għal informazzjoni dwar it-teħid ta' kampjuni li saret fit-taqsima 5.2 tan-Notifika ta' Bidu.

Jenħtieġ li kemm il-verżjoni "Ristretta" kif ukoll il-verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati" jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta' Bidu.

Jenħtieġ li l-informazzjoni mitluba tintbagħat lura lill-Kummissjoni fl-indirizz speċifikat fin-Notifika ta' Bidu fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1. **IDENTITÀ U DETTALJI TA' KUNTATT**

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem il-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
Indirizz tal-posta elettronika	
Telefon	
Sit web	

2. **FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ**

Inidika l-fatturat totali tal-kumpanija f'euro (EUR), u l-fatturat tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-RPĊ, matul il-PIO (mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016) kif ukoll matul il-PRA (mill-1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019), tal-prodott li qed jiġi riinvestigat, kif definit fin-notifika ta' bidu u l-piż korrispondenti.

	Perjodu ta' Investigazzjoni Oriġinali (mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016)		Perjodu ta' Riinvestigazzjoni ta' Assorbiment (mill-1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019)	
	Tunnellati (TM)	Valur f'euro (EUR)	Tunnellati (TM)	Valur f'euro (EUR)
Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR)				
Importazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat				
Bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tal-prodott li qed jiġi investigat				

3. **ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI** ([1])

Agħti dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew domestiku) tal-prodott li qed jiġi investigat. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott li qed jiġi investigat jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott li qed jiġi investigat, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Tip ta' relazzjoni

4. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Agħti kull informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

([1]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu l-impjegatur u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi, tikkontrolla jew iżżomm, direttament jew indirettament, 5 % jew aktar tal-ismha maħruġa bi dritt tal-vot tat-tnejn li huma; (e) wieħed minnhom direttament jew indirettament jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien jikkontrollaw direttament jew indirettament terza persuna; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom biss xi waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (kemm jekk mill-istess ġenituri kif ukoll jekk aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika, u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità li tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

5. ĊERTIFIKAZZJONI

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma kkooperawx huma bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' pins u stejpils li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2019/C 425/08)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet ilment f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), li jallega li l-importazzjonijiet ta' pins u stejpils li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, huma l-oġġett ta' dumping u b'hekk qegħdin ikunu ta' dannu ([2]) għall-industrija tal-Unjoni.

1. Lment

L-ilment tressaq fil-11 ta' Novembru 2019 min sitt produtturi tal-UE: Atrom Impex srl (Romania), Bizon Int. Sp. z.o.o. (il-Polonja), Ergo Staples (il-Kroazja), Grupodesa (Spanja), Omer SpA (l-Italja) u Velo srl (l-Italja), ("l-ilmentaturi"), li jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-pins u l-istejpils.

Verżjoni miftuħa tal-ilment u l-analiżi tal-livell ta' sostenn għall-ilment minn produtturi tal-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. It-Taqsima 5.6 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl mill-partijiet interessati.

2. Prodott investigat

Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa stejpils, kemm jekk fi strixxi jew f'koljaturi kif ukoll jekk le, anelli mqawsa (hog rings), kemm jekk fi strixxi kif ukoll jekk le, taċċi fi strixxi, pins fi strixxi; ta' wajer tal-azzar, kemm jekk miksi kif ukoll jekk le, ta' wajer bil-liga tal-aluminju, jew ta' wajer tal-azzar inossidabbli; imfassal biex jgħaqqad jew biex iżomm flimkien materjali jew oġġetti ("il-prodott investigat"). L-imsiemer f'koljaturi huma eskluži mill-prodott investigat.

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jippreżentaw informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott iridu jagħmlu dan fi żmien 10 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika ([3]).

3. Allegazzjoni ta' dumping

Il-prodott li allegatament qed ikun l-oġġett ta' dumping huwa l-prodott investigat, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat"), li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 7317 00 20, ex 7317 00 60, ex 7317 00 80, ex 7326 20 00, ex 7616 10 00, 8305 20 00, u ex 8308 10 00 (il-kodiċijiet TARIC 7317 00 20 40, 7317 00 60 40, 7317 00 80 40, 7326 20 00 40, 7616 10 00 40 u 8308 10 00 40). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għal informazzjoni biss.

L-ilmentaturi ddikjaraw li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż ikkonċernat minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-ambitu tat-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Biex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti, l-ilmentaturi straħu fuq l-informazzjoni li tinsab fid-"Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal Skopijiet ta' Investigazzjonijiet ta' Difiża Kummerċjali" ("ir-rapport tal-pajjiż") prodott mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2017 li jiddeskrivi ċ-ċirkustanzi speċifiċi tas-suq fil-pajjiż ikkonċernat ([4]).

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) It-terminu ġenerali "dannu" jirreferi għal dannu materjali kif ukoll għat-theddida ta' dannu materjali jew għad-dewmien materjali fil-ħolqien ta' industrija kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku.

([3]) Ir-referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika jirreferu għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([4]) "Report on Significant Distortions in the Economy of the PRC for the purposes of the trade defence investigations, 20.12.2017, SWD (2017) 483 final/2 disponibbli hawn: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf. Id-dokumenti ċċitati fir-rapport tal-pajjiż jista" jinkiseb ukoll b'talba debitament motivata."

L-ilmentaturi jirreferu wkoll għad-distorsjonijiet fis-settur tal-azzar Ċiniż iddokumentati f'ħafna stabbilimenti ta' dumping li jinsabu f'diversi Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ċerti prodotti tal-azzar, tal-aluminju, u prodotti rilevanti oħra, kif ukoll stabbilimenti ta' dumping li saru mill-awtoritajiet tad-difiża tal-kummerċ ta' pajjiżi oħrajn, b'mod partikulari l-Istati Uniti tal-Amerka.

B'riżultat ta' dan, fid-dawl tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, l-allegazzjoni ta' dumping hija bbażata fuq tqabbil ta' valur normali maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew punti ta' riferiment f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fuq dik il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping ikkalkulati huma sinifikanti għall-pajjiż ikkonċernat.

Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li teżisti biżżejjed evidenza, skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, li turi li, minħabba li hemm distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu ta' prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż ikkonċernat mhuwiex xieraq, u dan jirrikjedi li jingħata bidu għal investigazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Ir-rapport tal-pajjiż huwa disponibbli fil-fajl għal spezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ ([5]).

4. Allegazzjoni ta' dannu u kawżalità

L-ilmentaturi pprovdew evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu kumplessivament f'termini assoluti u żdiedu f'termini ta' sehem mis-suq.

L-evidenza li ngħatat mill-ilmentaturi turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat investigat kellhom, fost konsegwenzi oħra, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħin, fuq il-livell tal-prezzijiet mitluba u fuq is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, li rriżultaw f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni kumplessiva, is-sitwazzjoni finanzjarja u s-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni.

5. Proċedura

Il-Kummissjoni, wara li stabbiliet u infurmat lill-Istati Membri li l-ilment ġie ppreżentat mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha, u li hemm biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' proċediment, b'dan hija qed tiftaħ investigazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

L-investigazzjoni se tistabbilixxi jekk il-prodott investigat, li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat, huwiex qed ikun oġġett ta' dumping u jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping ikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni.

Jekk il-konklużjonijiet ikunu affermattivi, l-investigazzjoni se teżamina jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tmurx kontra l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2018 (il-pakkett tal-Modernizzazzjoni tat-TDI), introduċa tibdil sinifikanti għall-iskeda u l-iskadenzi li preċedentement kienu applikabbli fil-proċedimenti anti-dumping ([7]). B'mod partikulari, l-investigazzjonijiet se jsiru b'aktar ħeffa u kwalunkwe miżura proviżorja tista' tiġi imposta sa xahrejn iktar kmieni milli minn kif kien qabel. Il-limiti ta' żmien għall-partijiet interessati biex jippreżentaw ruħhom, b'mod partikolari fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet, tqassru.

5.1. *Perjodu tal-investigazzjoni u perjodu kkunsidrat*

L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

([5]) http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

([7]) "Short overview of the deadlines and timelines in the investigative process" fis-sit web tad-DĠ Kummerċ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2018/june/tradoc_156922.pdf.

5.2. *Kummenti dwar l-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni*

Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar l-inputs u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (SA) pprovduti fl-ilment fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jikkummentaw dwar l-ilment (inklużi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dannu u mar-rabta ta' kawżalità) jew dwar kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-bidu tal-investigazzjoni (inkluż il-livell ta' sostenn għall-ilment) iridu jagħmlu dan fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Kull talba għal seduta ta' smigħ fir-rigward tal-bidu tal-investigazzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.3. *Proċedura ta' kif jiġi stabbilit id-dumping*

Il-produtturi esportaturi ([8]) tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat huma mistiedna jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.3.1. *Investigazzjoni tal-produtturi esportaturi*

5.3.1.1. Proċedura biex jintgħażlu l-produtturi esportaturi li se jiġu investigati fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(a) Kampjunar

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat involuti f'dan il-proċediment, u biex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi esportaturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpaniji tagħhom, mitluba fl-Anness I ta' din in-Notifika fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li tkun meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi esportaturi, il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa tal-produtturi esportaturi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjun, il-produtturi esportaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi esportaturi kollha magħrufa, l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat se jiġu mgħarrfa mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat jekk ikun xieraq, dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi esportaturi, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk humiex inklużi fil-kampjun. Il-produtturi esportaturi fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se żżid nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett ijiem mid-data tan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

([8]) Produttur esportatur huwa kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li jipproduċi u jesporta l-prodott investigat lejn is-suq tal-Unjoni, direttament jew permezz ta' parti terza, inkluż kwalunkwe waħda mill-kumpaniji relatati tagħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjoni tal-prodott investigat.

Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-fajl għal spezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2437.

Il-kwestjonarju se jkun disponibbli wkoll għal kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa tal-produtturi esportaturi, u għall-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi li jkunu mlew l-Anness I fl-iskadenza speċifikata u li jkunu qablu li jiġu inklużi fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw ("il-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun"). Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5.3.1(b) hawn taħt, id-dazju anti-dumping li jista' jiġi applikat għal importazzjonijiet minn produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun ma jaqbiżx il-marġni medju peżat ta' dumping stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun ([9]).

(b) Marġni ta' dumping individwali għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun

Skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-marġnijiet ta' dumping individwali tagħhom. Il-produtturi esportaturi li jixtiequ jagħmlu talba għal marġni ta' dumping individwali jridu jlestu l-kwestjonarju u jirritornawh komplut kif xieraq fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-fajl għal spezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2437.

Il-Kummissjoni se teżamina jekk il-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun jistgħux jingħataw dazju individwali skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

Madankollu, il-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun li jitolbu marġni ta' dumping individwali, jenħtieġ li jkunu konxji li l-Kummissjoni xorta waħda tista' tiddeċiedi li ma tistabbilix il-marġni ta' dumping individwali tagħhom jekk, pereżempju, l-għadd ta' produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun tant ikun kbir li dan l-istabbiliment ikun wisq diffiċili li jsir u minħabba fih l-investigazzjoni ma tkunx tista' titlesta fil-ħin.

5.3.2. *Proċedura addizzjonali fir-rigward tal-pajjiż ikkonċernat soġġett għal distorsjonijiet sinifikanti*

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, ftit wara l-bidu tal-investigazzjoni, permezz ta' nota għall-fajl għall-analiżi mill-partijiet interessati, se tinforma lill-partijiet fl-investigazzjoni dwar is-sorsi rilevanti, kif ukoll dwar l-għażla ta' pajjiż terz rappreżentattiv adattat, fejn ikun xieraq, li beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a). Il-partijiet fl-investigazzjoni għandhom jingħataw 10 ijiem biex jikkummentaw dwar in-nota, skont il-punt (e) tal-Artikolu 2(6a). Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, it-Turkija tista' tkun pajjiż terz xieraq rappreżentattiv. Bl-għan li finalment tagħżel il-pajjiż terz rappreżentant xieraq, il-Kummissjoni se teżamina jekk hemmx livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħa fil-pajjiż ikkonċernat, jekk hemmx bejgħ u produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dawk il-pajjiżi terzi u jekk hix disponibbli *data* rilevanti. F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż terz wieħed rappreżentattiv, se tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiżi b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

Fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni tistieden lill-produtturi esportaturi kollha fil-pajjiż ikkonċernat biex jipprovdulha l-informazzjoni mitluba fl-Anness III ta' din in-Notifika fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([9]) Skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe marġini żero u *de minimis*, u marġini stabbiliti fiċ-ċirkustanzi msemmijin fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku se jiġu injorati.

Barra minn hekk, kull preżentazzjoni ta' informazzjoni fattwali biex jiġu vvalutati l-ispejjeż u l-prezzijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku trid issir fi żmien 65 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Jenħtieġ li din l-informazzjoni fattwali tittieħed esklużivament minn sorsi disponibbli għall-pubbliku.

5.3.3. *Investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* ([10]) ([11])

L-importaturi mhux relatati tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni huma mistiedna jieħdu sehem f'din l-investigazzjoni.

Minħabba l-għadd potenzjalment kbir ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'dan il-proċediment, u sabiex l-investigazzjoni titlesta sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi li mhumiex relatati u li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha li mhumiex relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija tagħhom, mitluba fl-Anness II ta' din in-Notifika fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Il-Kummissjoni, sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, tista' tikkuntattja wkoll lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar il-kampjun tal-importaturi. Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-fajl li jista' jiġi eżaminat mill-partijiet interessati. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett ijiem mid-data tan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li tkun meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqiegħed kwestjonarji għad-dispożizzjoni tal-importaturi mhux relatati li jkunu parti mill-kampjun. Dawk il-partijiet iridu jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja tal-kwestjonarju għall-importaturi hija disponibbli fil-fajl għal spezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2437.

5.4. ***Proċedura għad-determinazzjoni tad-dannu u għall-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni***

L-istabbiliment tad-dannu jissejjes fuq evidenza pożittiva u jinvolvi eżami oġġettiv tal-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, tal-effett tagħhom fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u tal-impatt konsegwenti ta' dawn l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni. Sabiex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx xi dannu, il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott li jkun qed jiġi investigat huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

([10]) Din it-taqsima tkopri bis importaturi mhux relatati mal-produtturi esportaturi. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi esportaturi jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi esportaturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja biss jekk ikollhom xi waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika, u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([11]) Id-data pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll fir-rigward ta' aspetti ta' din l-investigazzjoni għajr kif jiġi stabbilit id-dumping.

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni kkonċernati, u biex tlesti l-investigazzjoni sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita l-produtturi tal-Unjoni li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

B'mod proviżorju, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Id-dettalji jinsabu fil-fajl li jista' jiġi eżaminat mill-partijiet interessati. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Barra minn hekk, produtturi oħra tal-Unjoni, jew rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, li jqisu li hemm raġunijiet għalfejn għandhom jiġu inklużi fil-kampjun, iridu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Il-kummenti kollha dwar il-kampjun proviżorju jridu jaslu fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-produtturi tal-Unjoni u/jew lill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni magħrufa kollha, dwar il-kumpaniji li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ntgħażlu bħala parti mill-kampjun.

Il-produtturi tal-Unjoni li jkunu parti mill-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni hija disponibbli fil-fajl għal spezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2437.

5.5. *Proċedura għall-valutazzjoni tal-interessi tal-Unjoni*

Jekk tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dumping u ta' dannu kkawżat minnu, tittieħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interessi tal-Unjoni. Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi jridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'format ħieles jew inkella billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Kopja tal-kwestjonarji, inkluż il-kwestjonarju għall-utenti tal-prodott investigat, hija disponibbli fil-fajl għal spezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2437. L-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 titqies biss jekk tkun appoġġata minn evidenza fattwali meta tkun tressqet.

5.6. *Partijiet interessati*

Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati, bħall-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi, l-ewwel iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat.

Il-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li ppreżentaw informazzjoni disponibbli b'konformità mal-proċeduri deskritti fit-Taqsimiet 5.3, 5.4 u 5.5 ta' hawn fuq jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat.

Partijiet oħra jkunu jistgħu jieħdu sehem biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument meta jagħmlu lilhom infushom magħrufa, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat. Il-fatt li wieħed jitqies bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi f'dan l-indirizz: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI. Segwi l-istruzzjonijiet fuq din il-paġna sabiex ikollok aċċess.

5.7. *Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni.

Kull talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti matul is-seduta. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

L-iskeda ta' żmien għas-seduti ta' smigħ hija kif ġejja:

— Għal kull seduta ta' smigħ li ssir qabel l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, jenħtieġ li t-talba ssir fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika u s-seduta ta' smigħ normalment isseħħ fi żmien 60 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

— Wara l-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji, jenħtieġ li ssir talba fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-iżvelar tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew tad-dokument ta' informazzjoni, u s-seduta ta' smigħ normalment issir fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tal-iżvelar jew mid-data tad-dokument ta' informazzjoni.

— Fl-istadju tal-konstatazzjonijiet definittivi, jenħtieġ li ssir talba fi żmien tlett ijiem mid-data tal-iżvelar finali, u s-seduta ta' smigħ normalment issir fil-perjodu mogħti biex isiru kummenti dwar l-iżvelar finali. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li ssir talba minnufih malli jasal dan l-iżvelar finali addizzjonali, u s-seduta ta' smigħ normalment issir sal-iskadenza sabiex jiġu pprovduti kummenti dwar dan l-iżvelar.

L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-servizzi tal-Kummissjoni li jaċċettaw seduti ta' smigħ barra l-limitu ta' żmien f'każijiet debitament ġustifikati u għad-dritt tal-Kummissjoni li tiċħad seduti ta' smigħ f'każijiet debitament ġustifikati. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jiċħdu talba għal seduta ta' smigħ, il-parti kkonċernata tiġi infurmata bir-raġunijiet għal din iċ-ċaħda.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara seduta ta' smigħ.

5.8. *Struzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew *data* soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "*Limited*" ([12]) (Ristretti). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni "Limited" (Ristretta) huma obbligati jfasslu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties" (Għall-analiżi mill-partijiet interessati). Jenħtieġ li dawk is-sommarji jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora din l-informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

([12]) Dokument "Limited" (Ristrett) huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li għandhom jiġu ppreżentati fuq CD-ROM jew fuq DVD bl-idejn jew permezz tal-posta rreġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika jew TRON.tdi, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ)" ippubblikat fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2014/june/tradoc_152577.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut ikun indirizz tal-posta elettronika uffiċċjali tax-xogħol li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet permezz ta' TRON.tdi u bil-posta elettronika, il-partijiet interessati jenħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Indirizzi elettroniċi:

Għal kwistjonijiet ta' dumping:

TRADE-AD663-STAPLES-DUMPING@ec.europa.eu

Għal kwistjonijiet ta' dannu:

TRADE-AD663-STAPLES-INJURY@ec.europa.eu

6. Skeda tal-investigazzjoni

Skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament bażiku, normalment l-investigazzjoni tiġi konkluża fi żmien 13-il xahar, iżda mhux iktar minn 14-il xahar, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, normalment il-miżuri proviżorji jistgħu jiġu imposti sa mhux aktar tard minn seba' xhur mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, iżda fi kwalunkwe każ sa mhux iktar tard minn tmien xhur mill-pubblikazzjoni tagħha.

Skont l-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji tliet ġimgħat qabel l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Il-partijiet interessati se jingħataw tlett ijiem tax-xogħol biex jikkummentaw bil-miktub dwar ir-reqqa tal-kalkoli.

F'każijiet fejn il-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li ma timponix dazji proviżorji iżda li tkompli l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jiġu infurmati, permezz ta' dokument ta' informazzjoni, bin-nuqqas ta' impożizzjoni ta' dazji tliet ġimgħat qabel ma tiskorri l-iskadenza skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet interessati jingħataw 15-il jum biex jikkummentaw bil-miktub dwar is-sejbiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni, u 10 ijiem biex jikkummentaw bil-miktub dwar is-sejbiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn ikun applikabbli, l-iżvelar finali addizzjonali jispeċifika l-iskadenza għall-partijiet interessati biex jikkummentaw bil-miktub.

7. Preżentazzjoni tal-informazzjoni

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni biss fl-iskedi ta' żmien speċifikati fit-Taqsimiet 5 u 6 ta' din in-Notifika. Il-preżentazzjoni ta' kull informazzjoni oħra li ma tkunx koperta minn dawn it-taqsimiet, jenħtieġ li tirrispetta l-iskeda li ġejja:

— Kull informazzjoni għall-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji jenħtieġ li tiġi ppreżentata fi żmien 70 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

— Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, jenħtieġ li l-partijiet interessati ma jippreżentawx informazzjoni fattwali ġdida wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni fl-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji. Wara din l-iskadenza, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss informazzjoni fattwali ġdida jekk ikunu jistgħu juru li din l-informazzjoni fattwali ġdida hija meħtieġa biex tirribatti l-allegazzjonijiet fattwali magħmula minn partijiet interessati oħra u dment li din l-informazzjoni fattwali ġdida tista' tiġi vverifikata fiż-żmien disponibbli biex l-investigazzjoni titlesta fil-ħin.

— Sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi mandatorji, il-Kummissjoni mhix se taċċetta iktar preżentazzjonijiet mingħand il-partijiet interessati wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali jew, jekk ikun applikabbli, wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali addizzjonali.

8. Possibbiltà għal kummenti dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fil-preżentazzjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Dawn il-kummenti jenħtieġ li jsiru skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

— Jenħtieġ li kull kumment dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra qabel l-iskadenza tal-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, isir mhux iktar tard mill-75 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

— Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew tad-dokument ta' informazzjoni, jiġu ppreżentati fi żmien sebat ijiem mill-iskadenza għall-kummenti dwar il-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

— Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar finali, jiġu ppreżentati fi żmien tlett ijiem mill-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar isiru fi żmien jum wieħed mill-iskadenza għall-kummenti dwar dan l-iżvelar, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

9. Estensjoni tal-limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika

L-estensjonijiet tal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika jistgħu jingħataw fuq talba min-naħa tal-partijiet interessati li jkollhom raġuni valida.

Jenħtieġ li kull estensjoni għal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika jintalbu biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u se jingħataw biss jekk ikunu debitament ġustifikati.

Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni għall-iskadenza biex jitwieġbu l-kwestjonarji normlament se tkun limitat għal tlett ijiem, u bħala regola ma taqbiżx is-sebat ijiem.

Rigward il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fin-Notifika ta' Bidu, l-estensjonijiet se jkunu limitati għal tlett ijiem sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali.

10. Nonkooperazzjoni

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limitu tal-iskadenzi, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, il-konstatazzjonijiet proviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u l-konstatazzjonijiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma jiġix ikkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li biex tippreżenta t-tweġiba kif mitlub ikun iwassal għal piż żejjed mhux raġonevoli jew kost addizzjonali mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih.

11. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kull talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża ta' partijiet interessati u partijiet terzi kif dawn jinqalgħu matul il-proċedimenti.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti interessata/partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Jenħtieġ li talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti ta' smigħ isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, il-partijiet interessati jenħtieġ li jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika dan l-intervent. Fil-prinċipju, l-iskedi ta' żmien stabbiliti fit-Taqsima 5.7 sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati lil hinn mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

12. **Proċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet ta' difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni hija disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ KUMMERĊ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/

([13]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ANNESS I

☐	Verżjoni "Ristretta" [1]
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati"
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

PROĊEDIMENT ANTI-DUMPING DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET TA' PINS U STEJPILS LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TAL-PRODUTTURI ESPORTATURIFIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jwieġbu għat-talba għal informazzjoni marbuta mal-kampjunar li saret fil-punt 5.3.1.1. tan-notifika ta' bidu.

Kemm il-verżjoni ristretta (Limited) kif ukoll il-verżjoni għall-ispezzjoni minn partijiet interessati (For inspection by interested parties) jenħtieġ li jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TAL-KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem il-kumpanija	
L-isem tal-kumpanija bil-karattri Ċiniżi	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
L-indirizz tal-posta elettronika	
Telefown	
Faks	

2. FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Indika l-fatturat fil-munita tal-kontabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Novembru 2019 (il-bejgħ għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru [2] separatament u kollha f'daqqa, u l-bejgħ domestiku) ta' pins u stejpils kif definiti fin-Notifika ta' Bidu u l-piż korrispondenti f'kilogrammi.

---

[1] Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping).

[2] It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

	Kwantità f'kilogrammi		Kwantità fl-unità ta' kejl interna (speċifika liem hi)	Valur f'CNY
Il-bejgħ f'esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru, separatament u kollha f'daqqa, tal-prodott li qed jiġi investigat, immanifatturat mill-kumpanija tiegħek	Total:			
	Semmi kull Stat Membru ([1]):			
Il-bejgħ domestiku tal-prodott li qed jiġi investigat, immanifatturat mill-kumpanija tiegħek				

([1]) Żid aktar ringieli jekk ikun meħtieġ.

Jekk jogħġbok speċifika liema mill-prodotti li ġejjin ġew esportati lejn l-Unjoni tul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Novembru 2019:

Stejpils – użu tal-istationery	Iva/Le
Stejpils – użu ieħor	Iva/Le
Anelli mqawsa	Iva/Le
Taċċi brad fi strixxi	Iva/Le
Pins fi strixxi	Iva/Le

3. ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI ([3])

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew fis-suq domestiku) tal-prodott li qed jiġi investigat. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott li qed jiġi investigat jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott li qed jiġi investigat, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

([3]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom ir-relazzjonijiet segwenti bejniethom biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Tip ta' relazzjoni

4. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Agħti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. **MARĠNI INDIVIDWALI TA' DUMPING**

Il-kumpanija tiddikjara li, f'każ li ma tintgħażilx biex tkun parti mill-kampjun, tixtieq tirċievi kwestjonarju u formoli oħrajn ta' talba sabiex timliehom u b'hekk titlob marġni ta' dumping individwali skont it-taqsima 5.3.3.1.(b)tan-notifika ta' bidu.

☐ Iva ☐ Le

6. **IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI**

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għal produtturi esportaturi li ma jikkoperawx huma msejsa fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

ANNESS II

☐	Verżjoni "Ristretta" (1)
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati"
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

PROĊEDIMENT ANTI-DUMPING DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET TA' PINS U STEJPILS LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu t-talba għal informazzjoni rigward il-kampjunar li saret fil-punt 5.3.3 tan-Notifika ta' Bidu.

Kemm il-verżjoni ristretta (Limited) kif ukoll il-verżjoni għall-ispezzjoni minn partijiet interessati (For inspection by interested parties) jenħtieġ li jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TAL-KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem il-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
L-indirizz tal-posta elettronika	
Telefown	
Faks	

2. FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Indika l-fatturat totali tal-kumpanija f'euro (€), u l-fatturat u l-piż jew il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni (2) u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Novembru 2019 ta' pins u stejpils kif definit fin-notifika ta' bidu u l-piż jew volum korrespondenti. Indika l-unità tal-piż jew tal-volum li ntużat.

(1) Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping).

(2) It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

	Kwantità f'kilogrammi	Kwantità fl-unità ta' kejl interna	Valur f'euro (€)
Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR)			
L-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni			
Il-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tal-prodott li qed jiġi investigat			

3. **ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI** ([3])

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew fis-suq domestiku) tal-prodott li qed jiġi investigat. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott li qed jiġi investigat jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott li qed jiġi investigat, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Tip ta' relazzjoni

4. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Agħti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

([3]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom ir-relazzjonijiet segwenti bejniethom biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

5. **IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI**

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx huma bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

Anness III

☐	Verżjoni "Ristretta" [1]
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati"
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

PROĊEDIMENT ANTI-DUMPING DWAR L-IMPORTAZZJONIJIET TA' PINS U STEJPILS LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

TALBA GĦAL INFORMAZZJONI DWAR L-INPUTS UŻATI MILL-PRODUTTURI FIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdu l-informazzjoni mitluba għall-kampjunar skont il-punt 5.3.2. tan-notifika ta' bidu.

Kemm il-verżjoni ristretta (Limited) kif ukoll il-verżjoni għall-ispezzjoni minn partijiet interessati (For inspection by interested parties) jenħtieġ li jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

It-talba għal informazzjoni mitluba jenħtieġ li tintbagħat lura lill-Kummissjoni fl-indirizz speċifikat fin-notifika tal-bidu fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TAL-KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

L-isem tal-kumpanija bl-Ingliż	
L-isem tal-kumpanija bil-karattri Ċiniżi	
Numru tal-VAT	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
L-indirizz tal-posta elettronika	
Telefown	
Faks	

[1] Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping).

2. **INFORMAZZJONI DWAR L-INPUTS UŻATI MILL-KUMPANIJA TIEGĦEK U KUMPANIJI RELATATI**

Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-proċess ta' produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat.

Jekk jogħġbok elenka l-materjali kollha (mhux maħdumin u pproċessati) u l-enerġija użata fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat kif ukoll il-prodotti sekondarji kollha u l-iskart li huma mibjugħa jew imdaħħla (mill-ġdid) fil-proċess ta' produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. Fejn xieraq, ipprovdi l-kodiċi ta' klassifikazzjoni korrispondenti tas-Sistema Armonizzata (SA) ([2]) għal kull waħda mill-entrati fiż-żewġ tabelli. Jekk jogħġbok imla Anness separat għal kull kumpanija relatata li tipproduċi l-prodott li qed jiġi investigat fil-każ li l-proċess tal-produzzjoni huwa differenti.

Materja Prima/enerġija	Kodiċi tas-SA

(1) żid ringieli addizzjonali jekk meħtieġ.

Prodotti sekondarji u skart	Kodiċi tas-SA

(1) żid ringieli addizzjonali jekk meħtieġ

Il-kumpanija b'dan tiddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hi korretta sa fejn taf hi.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

([2]) Is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, ġeneralment imsejħa s-"Sistema Armonizzata" jew sempliċiment "SA" hija nomenklatura tal-prodotti internazzjonali bi skopijiet multipli żviluppata mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO - World Customs Organization).

Notifika ta' Bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu sulfaniliku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2019/C 425/09)

Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika ta' skadenza ([1]) imminenti tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat"), il-Kummissjoni Ewropea rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament bażiku").

1. Talba għal rieżami

It-talba tressqet fid-19 ta' Settembru 2019 minn Bondalti Chemicals S.A. ("l-applikant") li tirrappreżenta 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-aċidu sulfaniliku.

Verżjoni miftuħa tat-talba u l-analiżi tal-grad ta' sostenn għat-talba mill-produtturi tal-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. It-Taqsima 5.6 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl għall-partijiet interessati.

2. Il-prodott rieżaminat

Il-prodott soġġett għal din ir-rieżami huwa l-aċidu sulfaniliku ("il-prodott taħt rieżami"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2921 42 00 (kodiċi TARIC 2921 42 00 60).

3. Il-miżuri eżistenti

Il-miżuri li hemm fis-seħħ bħalissa huma dazju definittiv ta' anti-dumping impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1346/2014. ([3])

4. Raġunijiet għar-rieżami

It-talba hija msejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għat-tkomplija jew ir-rikorrenza ta' dumping u għat-tkomplija u r-rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

4.1. *Allegazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni u rikorrenza ta' dannu*

L-applikant sostna li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Biex jissustanzja l-allegazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti, l-applikant qagħad l-aktar fuq l-informazzjoni li tinsab fir-rapport dwar il-pajjiż li sar mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2017 li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([4]). B'mod partikolari, l-applikant sostna li l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi rieżaminat huwa potenzjalment affettwat mill-fatturi msemmija, fost l-oħrajn, fil-Kapitolu 9. Art; 10. Enerġija; 11. Kapital; 12. Materja prima u inputs materjali oħra; 13. Xogħol; u taqsimiet 4.2.10. Pjanijiet settorjali provinċjali; 6.8 Ir-rwol tal-ibbankjar parallel fiċ-Ċina; 16.3.1. It-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-industrija petrokimika u kimika; u 16.3.4.2. It-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-iżvilupp tal-industrija petrokimika fil-Provinċja ta' Hebei.

([1]) ĠU C 140, 16.4.2019, p. 10.

([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, kif emendat l-aħħar mill-ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1.

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1346/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jirrevoka d-dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 82).

([4]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 20.12.2017, SWD (2017) 483 final/2, disponibbli hawnhekk: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf.

B'hekk, fir-rigward tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, l-allegazzjoni ta' tkomplija u rikorrenza ta' dumping hija bbażata fuq tqabbil ta' valur normali maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew punti ta' riferiment bla distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping ikkalkulati huma sinifikanti għall-pajjiżi kkonċernati.

L-applikant allega wkoll li l-produzzjoni Ċiniża ta' aċidu sulfaniliku hija orjentata lejn l-esportazzjoni u msemmija f'dan ir-rigward għar-rapporti tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Istati Uniti ([5]). Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li jeżistu biżżejjed evidenza, skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, li turi li, minħabba li hemm distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu ta' prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż ikkonċernat mhuwiex xieraq, u dan jirrikjedi li jingħata bidu għal investigazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Ir-rapport dwar il-pajjiż huwa disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni minn partijiet interessati u fis-sit web ta' DĠ Kummerċ ([6]).

4.2. *Allegazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni u rikorrenza ta' dannu*

L-applikant ipprovda wkoll evidenza biżżejjed li l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti f'termini assoluti u f'termini ta' ishma mis-suq.

L-evidenza li pprovdew l-applikanti turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat li qed jiġi investigat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa u fuq il-livell tal-prezzijiet debitatti u fuq is-sehem mis-suq miżmum mill-industrija tal-Unjoni, li rriżultaw f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-applikant jallega li kwalunkwe żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat x'aktarx li twassal għal aktar dannu għall-industrija tal-Unjoni, jekk dawn il-miżuri jitħallew jiskadu. F'dan ir-rigward l-applikant ipprovda evidenza biżżejjed li turi li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-livell attwali ta' importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni probabbilment jiżdied minħabba l-eżistenza ta' kapaċità mhux użata tal-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

5. **Proċedura**

Wara li ġie ddeterminat, b'segwitu għal konsultazzjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li teżisti biżżejjed evidenza ta' probabbiltà ta' dumping u dannu biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni b'dan tagħti bidu għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

Ir-rieżami tal-iskadenza se jiddetermina jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri twassal għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza tad-dumping tal-prodott li qed jiġi rieżaminat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat, kif ukoll għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2018, (il-pakkett tal-Modernizzazzjoni tat-TDI) daħħal tibdiliet sinifikanti fl-iskeda ta' żmien u fl-iskadenzi li kienu applikabbli preċedentement fil-proċedimenti anti-dumping. Il-limiti ta' żmien għall-partijiet interessati biex jipprovdu evidenza, b'mod partikolari fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet, tqassru.

5.1. *Il-perjodu tal-investigazzjoni għal rieżami u l-perjodu meqjus*

L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

([5]) https://usitc.gov/publications/701_731/pub3849.pdf, https://usitc.gov/publications/701_731/pub4270.pdf, https://www.usitc.gov/publications/701_731/pub4680.pdf

([6]) Dokumenti msemmija fir-rapport tal-pajjiż jistgħu jinkisbu wkoll fuq talba raġunata kif xieraq.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 07/06/2018, p. 1).

5.2. ***Kummenti dwar it-talba u l-bidu tal-investigazzjoni***

Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar l-inputs u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (SA) ipprovduti fit-talba ([8]) fi żmien 15-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([9]).

5.3. ***Proċedura għad-determinazzjoni ta' probabilità ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping***

F'rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni teżamina l-esportazzjonijiet li saru lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u, irrispettivament mill-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, tqis jekk is-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu u li jbigħu l-prodott taħt rieżami fil-pajjiż ikkonċernat hijiex tali li l-esportazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni x'aktarx li jitkomplew jew jirrikorru jekk il-miżuri jiskadu.

Għaldaqstant, il-produtturi kollha ([10]) tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat, irrispettivament minn jekk esportawx il-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni tul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami jew le, huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.3.1. *Il-produtturi investigaturi fil-pajjiż ikkonċernat*

Minħabba li jista' jkun hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li huma involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi esportaturi li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu għan-nom tagħhom, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għal dan ir-rieżami, huma hawnhekk mitluba biex jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom mitluba fl-Anness I ta' din in-Notifika fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Il-Kummissjoni, sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, se tikkuntattja wkoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u tista' tikkuntattja lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jista' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi kollha magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat, l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-assoċjazzjonijiet ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat se jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat jekk ikun xieraq, dwar il-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk dawn humiex inklużi fil-kampjun. Il-produtturi fil-kampjun ikollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni żżid nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li tirrifletti l-għażla tal-kampjun. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2431).

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li jkunu qablu mal-inklużjoni possibbli tagħhom fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu fil-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw ("il-produtturi li kkooperaw iżda mhumiex inklużi fil-kampjun").

5.3.2. *Proċedura addizzjonali fir-rigward tal-pajjiż ikkonċernat*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

([8]) Informazzjoni dwar il-kodiċijiet SA tingħata wkoll fis-sommarju eżekuttiv tat-talba għal rieżami, disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2431).

([9]) Ir-referenzi kollha għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika se jkunu referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

([10]) Produttur huwa kwalunkwe kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi l-prodott taħt rieżami, inkluża kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami.

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 2(6a), il-Kummissjoni, ftit wara l-bidu tal-investigazzjoni, permezz ta' nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, tinforma lill-partijiet fl-investigazzjoni dwar is-sorsi rilevanti li beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali fil-pajjiż ikkonċernat skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Dan ikun ikopri s-sorsi kollha, inkluża l-għażla ta' pajjiż terz rappreżentattiv xieraq fejn ikun xieraq. Il-partijiet fl-investigazzjoni għandhom jingħataw 10 ijiem mid-data li fiha dik in-nota tiddaħħal fil-fajl biex jippreżentaw kumment.

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, pajjiż terz rappreżentattiv possibbli għall-pajjiż ikkonċernat, f'dan il-każ, huwa l-Indja. Bl-għan li finalment tagħżel pajjiż terz rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni se teżamina jekk hemmx pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħall-pajjiż ikkonċernat, li fihom isiru l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt rieżami u li fihom hemm *data* rilevanti disponibbli minnufih. F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż wieħed bħal dan, se tingħata preferenza, meta jkun il-każ, lill-pajjiżi b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

Fir-rigward tas-sorsi rilevanti, il-Kummissjoni tistieden lill-produtturi kollha fil-pajjiż ikkonċernat biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba fl-Anness III ta' dan l-Avviż fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż.

Barra minn hekk, kull preżentazzjoni ta' informazzjoni fattwali biex jiġu vvalutati l-ispejjeż u l-prezzijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku trid issir fi żmien 65 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Tali informazzjoni fattwali jenħtieġ li tittieħed eskluživament minn sorsi disponibbli għall-pubbliku.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li għandha bżonn għall-investigazzjoni fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni se tagħmel disponibbli wkoll kwestjonarju lill-gvern tal-pajjiż ikkonċernat.

5.3.3. *L-investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* ([11]) ([12])

Importaturi mhux relatati tal-prodott li qed jiġi rieżaminat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lejn l-Unjoni, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni(jiet) li wasslet/wasslu għall-miżuri fis-seħħ, huma mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni.

Minħabba l-għadd kbir potenzjali ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex l-investigazzjoni titlesta fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi li mhumiex relatati u li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). It-teħid ta' kampjun se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi mhux relatati kollha, jew ir-rappreżentanti tagħhom, inklużi dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għal dan ir-rieżami, qegħdin b'dan jintalbu jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet iridu jagħmlu dan fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, kif mitlub fl-Anness II għal din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li tkun meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-importaturi mhux relatati magħrufa kollha u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa ta' importaturi kollha dwar il-kumpaniji li jkunu ntgħażlu bħala parti mill-kampjun.

([11]) Għall-kampjun jistgħu jintgħażlu biss importaturi li mhumiex relatati ma' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi esportaturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([12]) Id-*data* pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll b'rabta ma' aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni, apparti milli biex jiġi stabbilit id-dumping.

Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati li tirrifletti l-għażla tal-kampjun. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifikazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

L-importaturi mhux relatati parti mill-kampjun iridu jibgħatu l-kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-importaturi hija disponibbli fil-fajl li jista' jiġi eżaminat mill-partijiet interessati u fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2431).

5.4. *Proċedura biex tiġi ddeterminata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu*

Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott taħt rieżami huma mistiedna jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.4.1. *Investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni*

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li tkun meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni l-uniku produttur magħruf tal-Unjoni, Bondalti Chemicals S.A, irid jippreżenta l-kwestjonarju komplut fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Produtturi tal-Unjoni u assoċjazzjonijiet rappreżentattivi oħrajn, jekk hemm, huma mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, preferibbilment bil-posta elettronika, minnufih u mhux iktar tard minn sebat ijiem wara l-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, sabiex jippreżentaw lilhom infushom u jitolbu kwestjonarju.

Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2431)

5.5. *Proċedura għall-valutazzjoni tal-interessi tal-Unjoni*

Jekk tiġi kkonfermata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ta' rikorrenza tad-dannu, tittieħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interessi tal-Unjoni. Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta jew f'format ħieles jew inkella billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Kopja tal-kwestjonarji, inkluż il-kwestjonarju għall-utenti tal-prodott taħt rieżami, hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ (http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2431). Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 se titqies biss jekk, meta tiġi ppreżentata, tkun sostnuta b'evidenza fattwali.

5.6. *Il-partijiet interessati*

Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati, bħall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi, l-ewwel iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Il-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li rendew disponibbli informazzjoni b'konformità mal-proċeduri deskritti fit-Taqsimiet 5.2, 5,3 u 5.4 jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Partijiet oħra jkunu jistgħu jieħdu sehem biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument li fih jippreżentaw lilhom infushom, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott li qed jiġi rieżaminat. Il-fatt li wieħed jitqies bħala parti interessata huwa minghajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi f'dan l-indirizz: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI. Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet fuq din il-paġna sabiex ikollok aċċess.

5.7. *Sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.8. *Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti matul is-seduta. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jiġu mitluba jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara seduta ta' smigħ.

5.9. *Struzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew *data* soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "*Limited* ([13])" (Ristretti). Il-partijiet li jippreżentaw tagħrif matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "*Limited*" (Ristretta) huma mitluba jfasslu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "*For inspection by interested parties*" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati tant li jippermettu li l-qofol tat-tagħrif imressaq b'mod kunfidenzjali jinftiehem raġonevolment. Jekk parti li tipprovdi tagħrif kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali tagħrif sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li t-tagħrif huwa korrett.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni.

Meta jużaw il-posta elettronika jew TRON.tdi, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ)" ippubblikat fuq il-website tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut ikun indirizz tal-posta elettronika uffiċċjali tax-xogħol li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet permezz ta' TRON.tdi u bil-posta elettronika, il-partijiet interessati jenħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([13]) Dokument "Limited" (Ristrett) huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping). Dan hu wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Posta elettronika għal kwistjonijiet ta' dumping u l-Anness I:

TRADE-SA-R716-DUMPING@ec.europa.eu

Posta elettronika għal kwistjonijiet ta' dannu u l-Anness II:

TRADE-SA-R716-INJURY@ec.europa.eu

6. L-iskeda tal-investigazzjoni

L-investigazzjoni għandha normalment tiġi konkluża fi żmien 12-il xahar, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku.

7. Tressiq tal-informazzjoni

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss l-informazzjoni fil-perjodi ta' żmien speċifikati fit-Taqsima 5 ta' din in-Notifika.

Sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi obbligatorji, il-Kummissjoni mhijiex se taċċetta iktar sottomissjonijiet mingħand il-partijiet interessati wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali jew, jekk ikun applikabbli, wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali addizzjonali.

8. Possibbiltà għal kummenti dwar is-sottomissjonijiet ta' partijiet oħra

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fis-sottomissjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tal-konklużjonijiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem mill-iskadenza għal kummenti dwar il-konklużjonijiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti mressqa minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar ulterjuri jsiru fi żmien ġurnata (1) mill-iskadenza għall-kummenti dwar dan l-iżvelar ulterjuri, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

9. Estensjoni tal-limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika

L-estensjonijiet tal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika jistgħu jingħataw fuq talba min-naħa tal-partijiet interessati li jkollhom raġuni valida.

L-estensjonijiet tal-iskadenzi għat-tweġibiet għall-kwestjonarji u għal limiti ta' żmien kif inhu speċifikat f'din in-Notifika jew li jkunu previsti f'komunikazzjonijiet speċifiċi mal-partijiet interessati se jkunu limitati għal mhux aktar minn tlett (3) ijiem addizzjonali. Tali estensjoni tista' tittawwal għal mhux aktar minn sebat (7) ijiem fejn il-parti rikjedenti tagħti prova dwar l-eżistenza ta' ċirkostanzi eċċezzjonali.

10. Nonkooperazzjoni

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fil-limiti ta' żmien, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jiġu stabbiliti sejbiet, sew pożittivi kif ukoll negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma jiġix ikkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li biex tippreżenta t-tweġiba kif mitlub ikun iwassal għal piż żejjed mhux raġonevoli jew kost addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata għandha tikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih.

11. Uffiċjal tas-Seduta

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirreżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża ta' partijiet interessati u partijiet terzi kif dawn jinqalgħu matul il-proċedimenti.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Jenħtieġ li t-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ jenħtieġ li jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, il-partijiet interessati jenħtieġ li jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' ikun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati lil hinn mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq il-website tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

12. **Possibbiltà li jintalab rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku**

Billi dan ir-rieżami ta' skadenza qed jinbeda b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet tiegħu mhux se jwasslu biex il-miżuri eżistenti jiġu emendati iżda biex dawk il-miżuri jitħassru jew jinżammu skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament bażiku.

Jekk xi parti interessata tqis li jkun ġustifikat li jsir rieżami tal-miżuri, sabiex ikun possibbli li l-miżuri jiġu emendati, din il-parti tista' titlob li jsir rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet li jixtiequ jitolbu għal rieżami ta' dan it-tip, li jsir indipendentement mir-rieżami ta' skadenza msemmi f'din in-notifika, jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fl-indirizz mogħti hawn fuq.

13. **Ipproċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

Avviż dwar il-protezzjoni tad-data li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-data personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p.39).

ANNESS I

☐	Verżjoni "Ristretta" (1)
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

PROĊEDIMENTI ANTI-DUMPING DWAR IMPORTAZZJONIJIET TA' AĊIDU SULFANILIKU LI JORIĠINA MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TAL-PRODUTTURI ESPORTATURI FIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdu t-tagħrif mitlub għat-teħid ta' kampjuni skont il-punt 5.3.1. tan-Notifika ta' bidu.

Jenħtieġ li kemm il-verżjoni "Limited" (Ristretta) kif ukoll il-verżjoni "For inspection by interested parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati) jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta' Bidu.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TAL-KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem tal-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
L-indirizz tal-posta elettronika	
Telefown	
Nru tal-faks	

2. FATTURAT, IL-VOLUM TAL-BEJGĦ, IL-PRODUZZJONI U L-KAPAĊITÀ TAL-PRODUZZJONI

Fir-rigward tal-prodott taħt rieżami kif definit fin-Notifika ta' Bidu u li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat, għall-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami definit fit-taqsima 5.1 tan-Notifika, jekk jogħġbok indika l-bejgħ f'esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru (2) separatament u kumplessivament, il-bejgħ bl-esportazzjoni lejn il-bqija tad-dinja (bħala total u l-ħames l-ikbar pajjiżi importaturi), il-bejgħ domestiku, il-produzzjoni u l-kapaċità ta' produzzjoni.

(1) Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping).

(2) It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

Tabella I

Fatturat, volum tal-bejgħ

	Tunnellati metriċi		Valur fil-munita tal-kontabbiltà Speċifika l-munita użata
Bejgħ f'esportazzjonijiet lejn l-Unjoni għal kull wieħed mit-28 Stat Membru separatament u kollha f'daqqa, tal-prodott taħt rieżami, manifatturat mill-kumpanija tiegħek	Total:		
	Semmi kull Stat Membru ([1]):		
Bejgħ f'esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami, manifatturat mill-kumpanija tiegħek lejn il-bqija tad-dinja	Total:		
	Semmi l-ħames (5) pajjiżi li l-aktar jimportaw u agħti l-volumi u l-valuri rispettivi		
Il-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami, manifatturat mill-kumpanija tiegħek			

([1]) Żid ringieli addizzjonali jekk meħtieġ.

Tabella II

produzzjoni u kapaċità tal-produzzjoni

	Tunnellati metriċi
Il-produzzjoni kumplessiva tal-kumpanija tiegħek tal-prodott taħt rieżami	
Il-kapaċità ta' produzzjoni tal-kumpanija tiegħek tal-prodott taħt rieżami	

3. **ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI** ([3])

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkaħom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew domestiku) tal-prodott soġġett għal rieżami. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott soġġett għal rieżami jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti sottokuntrattwali, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott soġġett għal rieżami, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

([3]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu bħala membri tal-istess familja jekk ikollhom xi waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika, u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Tip ta' relazzjoni

4. INFORMAZZJONI OĦRA

Agħti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. ĊERTIFIKAZZJONI

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx huma bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data

ANNESS II

☐	Verżjoni "Ristretta" [1]
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

PROĊEDIMENTI ANTI-DUMPING DWAR IMPORTAZZJONIJIET TA' PEROSSOSULFATI LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu għat-talba għal informazzjoni dwar il-kampjunar li saret fil-punt 5.3.3 tan-Notifika ta' Bidu.

Jenħtieġ li kemm il-verżjoni "Limited" (Ristretta) kif ukoll il-verżjoni "For inspection by interested parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati) jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta' Bidu.

1. IDENTITÀ U DETTALJI TAL-KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem tal-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
L-indirizz tal-posta elettronika	
Telefown	
Nru tal-faks	

2 FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Niżżel il-fatturat totali tal-kumpanija f'euro (EUR), u l-fatturat u l-piż tal-importazzjonijiet fl-Unjoni [2] u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, tal-aċidu sulfaniliku kif definit fin-Notifika ta' Bidu u l-piż jew il-volum korrispondenti.

	Tunnellati metriċi	Valur f'euro (EUR)
Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR)		
Importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott soġġett għal rieżami		
Bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tal-prodott taħt rieżami		

[1] Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping).

[2] It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma: Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja, u r-Renju Unit.

3. ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI [3]

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u / jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u / jew domestiku) tal-prodott soġġett għal rieżami. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott soġġett għal rieżami jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti sottokuntrattwali, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott soġġett għal rieżami, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Tip ta' relazzjoni

4. INFORMAZZJONI OĦRA

Agħti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. ĊERTIFIKAZZJONI

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx huma bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

---

[3] F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu sħab rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu bħala membri tal-istess familja jekk ikollhom xi waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika, u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hi rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

ANNESS III

☐	Verżjoni "Ristretta" (1)
☐	Verżjoni "Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

PROĊEDIMENTI ANTI-DUMPING DWAR IMPORTAZZJONIJIET TA' PEROSSOSULFATI LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

TALBA TA' INFORMAZZJONI RIGWARD L-INPUTS UŻATI MILL-PRODUTTURI FIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jipprovdu t-tagħrif mitlub għat-teħid ta' input skont il-punt 5.3.2 tan-notifika ta' bidu.

Jenħtieġ li kemm il-verżjoni "Limited" (Ristretta) kif ukoll il-verżjoni "For inspection by interested parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati) jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

L-informazzjoni mitluba għandha tintbagħat lura lill-Kummissjoni fl-indirizz speċifikat fin-notifika ta' bidu fi żmien 10 ijiem mid-data ta' din in-nota għall-fajl.

1. **IDENTITÀ U DETTALJI TAL-KUNTATT**

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem tal-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
L-indirizz tal-posta elettronika	
Telefown	
Nru tal-faks	

2. **INFORMAZZJONI DWAR L-INPUTS UŻATI MILL-KUMPANIJA TIEGĦEK U KUMPANIJI RELATATI**

Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-proċess ta' produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat.

Jekk jogħġbok elenka l-materjali kollha (mhux maħdumin u pproċessati) u l-enerġija użata fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat kif ukoll il-prodotti sekondarji kollha u l-iskart li huma mibjugħa jew imdaħħla (mill-ġdid) fil-proċess ta' produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat. Fejn xieraq, ipprovdi l-kodiċi ta' klassifikazzjoni korrispondenti tas-Sistema Armonizzata (SA) (2) għal kull wieħed mill-oġġetti mdaħħla fiż-żewġ tabelli. Jekk jogħġbok imla Anness separat għal kull kumpanija relatata li tipproduċi l-prodott li qed jiġi investigat fil-każ li l-proċess tal-produzzjoni huwa differenti. Kumpaniji relatati li huma involuti fil-manifattura tal-inputs upstream użati fil-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat għandhom ukoll jimlew Anness separat u jidentifikaw l-input(s) fornut(i).

(1) Dan id-dokument huwa għall-użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21) u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Anti-dumping).

(2) Is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, ġeneralment imsejħa s-"Sistema Armonizzata" jew sempliċiment "SA" hija nomenklatura tal-prodotti internazzjonali bi skopijiet multipli żviluppata mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO - World Customs Organization).

Materja Prima/enerġija	Kodiċi SA
(Żid ringieli addizzjonali jekk meħtieġ)	

Prodotti sekondarji u skart	Kodiċi SA
(Żid ringieli addizzjonali jekk meħtieġ)	

Il-kumpanija b'dan tiddikjara li l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hi korretta sa fejn taf hi.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9670 — APMC Group/GSEZ Cargo Ports/GSEZ Mineral Port/TIPSP/Arise)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 425/10)

1. Fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— A.P. Møller Capital P/S ("APMC", id-Danimarka),

— Meridiam (Meridiam, Franza),

— Caisse des Dépôts et Consignation du Gabon ("CDCG", il-Gabon),

— SNEDAI Groupe ("SNEDAI", il-Kosta tal-Avorju).

APMC u Meridiam, CDCG u SNEDAI jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' erba' kumpaniji tal-proġett, jiġifieri Gabon Special Economic Zone Ports S.A. ("GSEZ Cargo Ports"), Gabon Special Economic Zone Mineral Port S.A. ("GSEZ Mineral Port"), Arise Mauritania S.A. ("Arise") u Terminal Industriel Polyvalent de San Pedro S.A. ("TIPSP").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— APMC: kumpanija ta' ġestjoni ta' fondi mwaqqfa fl-2017 u li tiġġestixxi fondi li jiffkukaw fuq l-infrastruttura fi swieq tat-tkabbir. Hija affiljata fl-A.P. Møller Holding, li hija l-azzjonist maġġur fil-grupp A.P. Møller-Maersk A/S (APMM), kumpanija integrata tat-trasport u l-loġistika bil-kwartieri ġenerali fid-Danimarka.

— Meridiam: grupp internazzjonali tal-investiment bil-kwartieri ġenerali f'Pariġi u li huwa attiv fl-iżvilupp, il-finanzjament u l-ġestjoni ta' proġetti tal-infrastruttura essenzjali fl-Ewropa, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka,

— CDCG: istituzzjoni finanzjarja, attiva fl-investiment u fis-self fis-settur finanzjarju pubbliku fil-Gabon,

— SNEDAI: kumpanija tal-Kosta ta' Avorju li prinċipalment taħdem fit-teknoloġija tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjonijiet, fl-enerġija, it-trasport, il-proprjetà immobbli u xogħlijiet pubbliċi,

— GSEZ Cargo Ports: kumpanija li tħaddem terminal tal-merkanzija u negozju tal-loġistika f'Owendo, Libreville, Gabon. Wara t-tranżazzjoni, GSEZ Cargo Ports se tkun indirettament ikkontrollata bi sħab minn APMC u CDCG,

— GSEZ Mineral Port: kumpanija inkorporata fil-Gabon u li tħaddem terminal tal-minerali f'Owendo, Libreville, il-Gabon,

— Arise: kumpanija li għandha konċessjoni biex tibni u tħaddem port tal-merkanzija f'Port Autonome de Nouakchott, il-Mawritanja. Wara t-tranżazzjoni, Arise se tkun indirettament ikkontrollata bi sħab minn APMC u Meridiam,

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

— TIPSP: kumpanija li għandha konċessjoni biex tibni u tħaddem bulk terminal f'San Pedro, fil-Kosta tal-Avorju. Wara t-tranżazzjoni, TIPSP se tkun indirettament ikkontrollata bi sħab minn APMC u SNEDAI.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9670 — APMC Group/GSEZ Cargo Ports/GSEZ Mineral Port/TIPSP/Arise

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9593 — PTT GC/ALPLA TH/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 425/11)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PTT Global Chemical Public Company Limited ("PTT GC", it-Tajlandja),

— ALPLA TH Recyclingbeteiligungsgesellschaft m.b.H.A, ("ALPLA TH", l-Awstrija), u

— ENVICCO Limited (joint venture, "JV", it-Tajlandja)

PTT GC u ALPLA TH jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PTT GC timmanifattura u tissupplixxi prodotti petrokimiċi upstream, intermedji u downstream, inklużi l-PolyEthylene Terephthalate (PET) u l-High Density Polyethylene (HDPE);

— ALPLA TH tiżviluppa u tipproduċi soluzzjonijiet ta' imballaġġ tal-plastik riġidu bħalma huma sistemi ta' imballaġġ (jiġifieri fliexken bit-tappijiet/bl-għotien), fliexken, għotien, partijiet bil-forma injettata, preforom u tubi;

— Il-JV se tipproduċi u tissupplixxi plastik riċiklat b'mod mekkaniku, jiġifieri PET riċiklat u HDPE riċiklat, magħmula minn materjali tal-imballaġġ ta' wara l-konsum.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9593 — PTT GC/ALPLA TH/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT